**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 13 ta' Gunju, 2002**

Citazzjoni Numru : **741/95TM**

Numru:

**Charles sive Carmelo Ellul Sullivan**

**vs**

**Anthony Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attur fit-30 ta' Mejju, 1995 fejn biha ppremetta li fit-2 ta' Gunju, 1986 kien ottjena sentenza minn dina l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet premessi fl-liema l-Qorti ddecidiet billi kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt elf lira Maltija (LM6000) dovuta lill-istess attur bl-imghax legali ta' 8% fis-sena mill-15 ta' Gunju, 1984;

Eppremetta illi dan il-kreditu ta' l-attur ghadu dovut lilu mill-konvenut u ghadu ma giex saldat kif lanqas gew saldati l-imghax li sat-23 ta' Mejju, 1995 kienu jammontaw ghal hamest elef mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija tmienja u tletin centezmu u erba' millezmi (LM5252.38,4), u wara li tnaqqsu l-pagamenti maghmula skond l-anness kont mmarkat Dokument B, hemm bilanc ta' hamest elef u tnejn u disghin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (LM5092.41);

Eppremetta li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tas-sentenza u dina ma ghadhiex izjed esekuttiva u issa l-attur ghandu interess li jesegwixxi dina s-sentenza kontra l-konvenut biex b'hekk jigi imhallas ghas-saldu;

Talab ghalhekk ighid l-istess konvenut ghaliex il-Qorti ma ghandhiex:

1) tordna u tiddikjara esekuttiva fil-konfront tieghu s-sentenza fuq precitata tat-2 ta' Gunju, 1986, moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet premessi u dan ghall-ammont kononizzat dovut lill-attur fis-somma ta' sitt elf lira Maltija (LM6000) sorte u imghax li sal-23 ta' Mejju, 1995 kienu jammontaw ghal hamest elef tnejn u disghin lira Maltija tmienja u wiehed u erbghin centezmu (LM5092.41) dovuta lill-istess attur kif ukoll ghall-imghax ulterjuri li jsiru fil-futur dovuti fuq sorte u imghax;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid, sekwestru u impediment prezentati kontestwalment u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi din il-Qorti ghandha tissopasedi stante li l-konvenut ipprezenta libell kontra l-attur fejn qed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi tat-12 ta' Gunju, 1986 u dan a tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Rat li din il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob l-ezekuzzjoni ta' sentenza li nghatat favur tieghu mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Gunju, 1986 u dan

peress li kienu ghaddew aktar minn tlett snin (dak iz-zmien rikjest ghall-ezegwibilita' ta' sentenza) mid-data li nghatat is-sentenza.

Il-konvenut ma kkontestax it-talba *ut sic*, hlief li talab is-sospensjoni tal-proceduri fid-dawl ta' l-azzjoni ta' retrattazzjoni li ressaq kontra d-decizjoni tat-2 ta' Gunju, 1986. Fil-fatt, din il-Qorti, fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 1995, dehrilha li kellha tissospendi s-smigh ta' din il-kawza pendenti l-ezitu tal-kawza ta' retrattazzjoni.

Illi, rrizulta li l-proceduri ta' retrattazzjoni gew konkluzi b'decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April, 2001, fejn it-talba ghar-retrattazzjoni giet michuda, bir-rizultat, li s-sentenza tat-2 ta' Gunju, 1986, ghaddiet definitivament in  gudikat.

Fid-dawl tal-premess, ma jidhirx li hemm ostakolu ghall-prosegwiment ta' din il-kawza.

Il-Qorti, ghalhekk, ezaminat l-atti tal-kawza u hadet konjizzjoni, in partikolari, tad-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur li fiha stqarr li l-kreditu kononizzat bil-fuq indikata sentenza ghadu dovut lilu, u la gie soldat il-kapital u lanqas l-imghax.

Illi, ghalhekk, it-talba ta' l-attur tidher li timmerita li tintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tideciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta, bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**IMHALLEF**

**D/REG**